**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta’ Novembru 2018 – Tempus Energy u Tempus Energy Technology vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-793/14)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat — Suq tal-kapaċità fir-Renju Unit — Skema ta’ għajnuna — Artikolu 108(2) u (3) TFUE — Kunċett ta’ dubji fis-sens tal-Artikolu 4(3) jew (4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija għall-perijodu bejn l-2014-2020 — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Assenza ta’ ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali — Drittijiet proċedurali tal-partijiet ikkonċernati”)***

(2019/C 16/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Tempus Energy Ltd (Worcester, ir-Renju Unit) u Tempus Energy Technology Ltd (Cheltenham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment J. Derenne, J. Blockx, C. Ziegler u M. Kinsella, sussegwentement J. Derenne, J. Blockx u C. Ziegler u fl-aħħar nett J. Derenne u C. Ziegler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, R. Sauer, K. Herrmann u P. Němečková, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq (rappreżentanti: inizjalment C. Brodie u L. Christie, aġenti, assistiti minn G. Facenna, QC, sussegwentement S. Simmons, M. Holt, C. Brodie, u S. Brandon, aġenti, assistiti minn G. Facenna, QC, sussegwentement M. Holt, C. Brodie, u S. Brandon u D. Robertson, aġenti, assistiti minn G. Facenna, QC, u fl-aħħar nett S. Brandon, aġent)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5083 finali tat-23 ta’ Lulju 2014 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-iskema ta’ għajnuna relatata mas-suq ta’ kapaċità fir-Renju Unit, minħabba li l-imsemmija skema hija kompatibbli mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE (għajnuna mill-Istat 2014/N-2) (ĠU 2014, C 348, p. 5)

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5083 finali tat-23 ta’ Lulju 2014 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-iskema ta’ għajnuna relatata mal-kapaċità fir-Renju Unit, minħabba li l-imsemmija skema hija kompatibbli mas-suq intern, abażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE (għajnuna mill-Istat 2014/N-2), hija annullata.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti minn Tempus Energy Ltd u Tempus Energy Technology Ltd.*

3) *Ir-Renju Unit għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

([1]) ĠU C 81, 9.3.2015.